SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

24 ta' Ġunju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 5 – Miżuri intiżi biex jipprevjenu l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur tal-kostruzzjoni msejħa 'fijos de obra' – Kunċett ta' 'raġunijiet oġġettivi' li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti – Direttiva 2001/23/KE – Artikolu 1(1) – Trasferiment ta' impriża – Artikolu 3(1) – Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema – Surroga fil-kuntratti ta' xogħol li ssir skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim kollettiv – Ftehim kollettiv li jillimita d-drittijiet u l-obbligi tal-impjegati ttrasferiti għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż mal-impriża li ħarġet"

Fil-Kawża C-550/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 14 ta' Madrid, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

EV

vs

Obras y Servicios Públicos SA,

Acciona Agua SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Kumin (Relatur), President tal-Awla, P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal EV, minn F. Luján de Frías, avukata,

– għal Obras y Servicios Públicos SA, minn F. J. Berriatua Horta, avukata,

– għal Acciona Agua SA, minn J. Revoiro Mingo, avukata,

– għall-Gvern Spanjol, minn J. Rodríguez de la Rúa Puig, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek, B.-R. Killmann u N. Ruiz García, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368), kif ukoll tal-Artikolu 1(1) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn EV u Obras y Servicios Públicos SA, il-persuna li kienet timpjegah, u Acciona Agua SA, il-persuna li timpjegah attwalment, dwar ir-rikonoxximent, minn naħa, tal-anzjanità tiegħu abbażi tas-snin ta' xogħol imwettqa kif ukoll, min-naħa l-oħra, tan-natura indeterminata tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Ftehim qafas

3 Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", tipprevedi fil-punt 1 tagħha:

"Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva."

4 Il-klawżola 5 tal-ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprovdi fil-punt 1:

"Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;

(b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;

(ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet."

Id-Direttiva 2001/23

5 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/23 tipprovdi li "[h]uwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati".

6 L-Artikolu 1(1)(a) u (b) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"(a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le."

7 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Id-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment."

Id-dritt Spanjol

Il-Liġi 32/2006

8 Il-Ley 32/2006 reguladora de la subcontratación en el sector de la construcción (il-Liġi 32/2006 li Tirregola s-Subkuntrattar fis-Settur tal-Kostruzzjoni), tat-18 ta' Ottubru 2006 (BOE Nru 250, tad-19 ta' Ottubru 2006, p. 36317), tipprevedi, fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali tagħha:

"Bil-għan li titjieb il-kwalità fl-impjieg tal-ħaddiema li jipparteċipaw fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u, għaldaqstant, li jittejbu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol, in-negozjati kollettivi fil-livell nazzjonali tas-settur tal-kostruzzjoni jistgħu jadattaw il-modalità kuntrattwali tal-kuntratt għal xogħol jew għal servizz iddefinit b'mod ċar previst b'mod ġenerali permezz ta' formoli li jiggarantixxu iktar stabbiltà fl-impjieg tal-ħaddiema, f'termini analogi għal dawk attwalment irregolati f'dan il-qasam tan-negozjati."

L-Istatut tal-Ħaddiema

9 L-Estatuto de los Trabajadores (l-Istatut tal-Ħaddiema), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Real Decreto legislativo 2/2015 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 2/2015 li Japprova t-Test Rivedut tal-Liġi li Tiddefinixxi l-Istatut tal-Ħaddiema), tat-23 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 255, tal-24 ta' Ottubru 2015, p. 100224, iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Ħaddiema"), jipprovdi, fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali tiegħu:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1)(a) u (5) kif ukoll tal-Artikolu 49(1)(c) għandhom jinftiehmu mingħajr preġudizzju għal dak li huwa stabbilit jew għal dak li jista' jiġi stabbilit fin-negozjati kollettivi, skont it-tielet dispożizzjoni addizzjonali tal-[Liġi 32/2006], f'dak li jirrigwarda l-kuntratt ta' xogħol 'fijo de obra', inkluż il-kumpens għat-terminazzjoni."

10 L-Artikolu 15 tal-Istatut tal-Ħaddiema, intitolat "Tul tal-kuntratt", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 5 tiegħu:

"1. Il-kuntratt ta' xogħol jista' jiġi konkluż għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat.

Kuntratt għal żmien determinat jista' jiġi konkluż fil-każijiet li ġejjin:

a) Meta l-ħaddiem ikun irreklutat għat-tlestija ta' kompitu jew ta' servizz partikolari, awtonomu u li jista' jiġi sseparat mill-attività kollha tal-impriża, li l-eżekuzzjoni tagħha, filwaqt li tkun limitata *ratione temporis*, tkun, bħala prinċipju, ta' tul inċert. Dawn il-kuntratti ma jistax ikollhom terminu itwal minn tliet snin, li jista' jiġi estiż b'massimu ta' tnax-il xahar permezz ta' ftehim kollettiv settorjali nazzjonali jew, fin-nuqqas ta' dan, minn ftehim kollettiv settorjali ta' livell inferjuri. Fl-aħħar ta' dawn it-termini ta' żmien, il-ħaddiema jiksbu l-istatus ta' ħaddiema permanenti tal-impriża.

[…]

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1(a), 2 u 3 ta' dan l-artikolu, il-ħaddiema li ġew irreklutati, bi jew mingħajr interruzzjoni, għal terminu ta' iktar minn 24 xahar fuq perijodu ta' 30 xahar sabiex jokkupaw pożizzjoni ta' xogħol identika jew differenti fi ħdan l-istess impriża jew l-istess grupp ta' impriżi fil-kuntest ta' mill-inqas żewġ kuntratti temporanji, kemm jekk direttament kif ukoll permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom minn impriżi ta' xogħol temporanju u skont modalitajiet kuntrattwali għal żmien determinat identiċi jew differenti, jakkwistaw il-kwalità ta' ħaddiema permanenti.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti japplikaw ukoll fil-każ ta' trasferiment ta' impriża jew ta' surroga ta' impriża skont il-liġi jew il-ftehim kollettiv.

[…]"

Il-ftehim kollettiv ġenerali tas-settur tal-kostruzzjoni

11 Il-Convenio colectivo general del sector de la construcción (il-Ftehim Kollettiv Ġenerali tas-Settur tal-Kostruzzjoni), irreġistrat u ppubblikat mir-Resolución de la Dirección General de Empleo (ir-Riżoluzzjoni tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi), tal-21 ta' Settembru 2017 (BOE Nru 232, tas-26 ta' Settembru 2017, p. 94090), fil-verżjoni tiegħu applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"ftehim kollettiv inkwistjoni"), jipprovdi, fl-Artikolu 24 tiegħu, intitolat "Kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat għal xogħol iddefinit b'mod ċar fis-settur tal-kostruzzjoni, imsejjaħ 'fijo de obra'":

"[…]

2. Dan il-kuntratt huwa ġeneralment konkluż għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, indipendentement mit-tul tiegħu, u jintemm meta jkunu spiċċaw ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu fl-imsemmi sit ta' kostruzzjoni u li jaqgħu taħt is-sengħa u fil-kategorija li għalihom jappartjeni l-ħaddiem. Dan il-kuntratt dejjem jiġi kkonstatat bil-miktub.

   Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1)(a) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] ma humiex applikabbli, indipendentement mit-tul tal-kuntratt, u l-ħaddiema jżommu l-istatus 'fijo de obra' kemm fil-każijiet koperti minn din id-dispożizzjoni kif ukoll fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, fis-sens tal-Artikolu 44 [tal-Istatut tal-Ħaddiema], jew ta' trasferiment effettiv imsemmi fl-Artikolu 27 ta' dan il-ftehim kollettiv.

3. Madankollu, peress li n-natura ta' kuntratt uniku tibqa' applikabbli, il-ħaddiema 'fijos de obra' jistgħu, mingħajr ma jitilfu dan l-istatus, jipprovdu servizzi lill-istess impriża f'diversi stabbilimenti tal-istess provinċja, bil-kundizzjoni li jkun ġie konkluż ftehim espress għal kull wieħed mill-istabbilimenti suċċessivi differenti, għal perijodu massimu ta' 3 snin konsekuttivi, sakemm ix-xogħlijiet li jaqgħu taħt l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom fuq l-aħħar sit ma jdumux lil hinn minn dan it-terminu, f'liema każ huma jissottoskrivu għal dan il-għan id-dokument korrispondenti skont il-mudell li jinsab fl-Anness II u jibbenefikaw mill-provvisti ta' kumpens korrispondenti għaċ-ċaqliq tagħhom. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1)(a) u tal-Artikolu 15(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema lanqas ma huma applikabbli, indipendentement mit-tul totali tal-benefiċċju, u l-ħaddiema jżommu l-istatus "fijo de obra" kif indikat.

[…]

5. Ir-reklutaġġ għal diversi pożizzjonijiet ta' impjieg, bi jew mingħajr interruzzjoni, permezz ta' mill-inqas żewġ kuntratti 'fijos de obra' konklużi mal-istess impriża jew mal-istess grupp ta' impriżi matul il-perijodu u fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 15(5) [tal-Istatut tal-Ħaddiema], konsegwentement ma jimplikax il-kisba tal-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat previst minn din id-dispożizzjoni.

   […]

   L-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat lanqas ma jinkiseb fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, fis-sens tal-Artikolu 44 [tal-Istatut tal-Ħaddiema], jew ta' trasferiment effettiv imsemmi fl-Artikolu 27 ta' dan il-ftehim kollettiv.

   […]"

12 L-Artikolu 27 tal-ftehim kollettiv inkwistjoni, intitolat "Trasferiment ta' persunal fil-kuntratti pubbliċi ta' manutenzjoni tat-toroq jew ta' linji tal-ferrovija, ta' networks tal-ilma, jew ta' konċessjoni komunali ta' manutenzjoni u ta' kisi mill-ġdid ta' bankini, pavimenti, toroq pubbliċi u network tad-dranaġġ", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Fil-każijiet kollha ta' finalizzazzjoni, ta' telf, ta' annullament jew ta' trasferiment ta' kuntratt pubbliku, kif ukoll f'kull każ jew sitwazzjoni oħra li timplika s-sostituzzjoni tal-entitajiet jew tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jeżerċitaw l-attività kkonċernata mill-kuntratt, il-ħaddiema tal-impriża li toħroġ impjegati abbażi ta' dan il-kuntratt għandhom jiġu ttrasferiti lill-impriża jew lill-entità l-ġdida msejħa sabiex teżerċita l-attività kkonċernata, fejn din tal-aħħar hija obbligata tirrispetta d-drittijiet u l-obbligi rrikonoxxuti lill-ħaddiema mal-impriża li hija tissostitwixxi.

Peress li t-trasferiment previst f'dan l-artikolu jimplika titjib fil-leġiżlazzjoni fis-seħħ, huwa espressament previst li dawn id-drittijiet u obbligi huma esklużivament limitati għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż mill-ħaddiem mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt pubbliku, mingħajr ma l-impriża li tidħol fih tkun marbuta b'xi kuntratt jew ftehim preċedenti, b'mod partikolari għall-finijiet tas-snin ta' servizz, tal-kumpensi għat-tmiem tal-kuntratt u ta' kull mekkaniżmu ieħor li jieħu inkunsiderazzjoni t-tul tal-provvista ta' servizzi, sakemm il-ħaddiem ma jkunx diġà ngħata tali drittijiet permezz ta' sentenza li saret *res judicata* qabel it-trasferiment u sakemm dawn id-drittijiet ikunu ġew ikkomunikati lill-impriża l-ġdida fit-terminu u skont il-metodi stabbiliti f'dan l-artikolu.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 Fit-8 ta' Jannar 1996, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda, ma' Obras y Servicios Públicos, l-ewwel kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat għal xogħol iddefinit b'mod ċar, full-time, fis-settur tal-kostruzzjoni, imsejjaħ "fijo de obra", li ntemm fis-16 ta' Jannar 1997. Mill-24 ta' Jannar 1997, dawn iż-żewġ partijiet ikkonkludew ħames kuntratti oħra tal-istess tip, li ġew issuċċeduti mingħajr interruzzjoni. Obras y Servicios Públicos irrikonoxxiet lill-imsemmi rikorrent anzjanità kkalkolata mill-1 ta' Jannar 2014, jiġifieri mid-data tal-konklużjoni tal-aħħar minn dawn il-kuntratti, li għadu ma ntemmx.

14 Fit-3 ta' Ottubru 2017, Acciona Agua ġiet issostitwita għal Obras y Servicios Públicos, fil-kwalità ta' persuna li timpjega lir-rikorrent fil-kawża prinċipali, wara li ngħatat kuntratt pubbliku msejjaħ "Xogħlijiet urġenti ta' rinnovazzjoni u tiswija fin-network ta' provvista u ta' użu mill-ġdid tal-Canal de Isabel II Gestión SA (fajl Nru 148/2016, lott 2)", li kien ġie eżegwit, sa dik id-data, minn Obras y Servicios Públicos. Fil-kuntest ta' din is-sostituzzjoni, Acciona Agua ħadet responsabbiltà għal parti essenzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenzi, tal-ħaddiema li kienu impjegati minn Obras y Servicios Públicos għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt pubbliku.

15 Madwar xahar qabel l-imsemmija sostituzzjoni, jiġifieri fil-5 ta' Settembru 2017, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta, quddiem il-Juzgado de lo Social Nru 14 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 14 ta' Madrid, Spanja), azzjoni għal rikonoxximent ta' drittijiet fil-konfront ta' dawn l-aħħar żewġ kumpanniji, intiża, minn naħa, sabiex tiġi rrikonoxxuta lilu anzjanità b'effett mit-8 ta' Jannar 1996, jiġifieri mid-data tal-konklużjoni tal-ewwel kuntratt tiegħu ma' Obras y Servicios Públicos, u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġi kkonstatat li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu hija għal żmien indeterminat.

16 Skont il-qorti tar-rinviju, sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha kuntratt pubbliku kien is-suġġett ta' għoti mill-ġdid lil impriża, li fil-kuntest tiegħu din tal-aħħar ħadet parti essenzjali mill-impjegati li l-impriża li ħarġet mill-kuntratt kienet assenjat għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt pubbliku, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23, skont l-Artikolu 1(1) tagħha.

17 F'dan ir-rigward, din il-qorti tqis, b'mod partikolari, li attività, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma teżiġix materjal speċifiku, tista' titqies bħala attività li hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħaddiema. Konsegwentement, grupp ta' ħaddiema li jwettaq fit-tul attività komuni ta' rinnovazzjoni u ta' tiswija jista', fl-assenza ta' fatturi ta' produzzjoni oħra, jikkorrispondi għal entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, fis-sens tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, bil-kundizzjoni li ċ-ċessjonarju jassumi parti essenzjali mill-impjegati ta' din l-entità, li huwa l-każ f'dan il-każ.

18 Barra minn hekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impriża l-ġdida għandha tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-aħħar kuntratt konkluż bejn il-ħaddiema li hija ħadet u l-impriża li toħroġ mill-kuntratt, iżda wkoll is-snin ta' servizz kollha mwettqa mill-persunal ittrasferit, sa fejn dan l-obbligu jirriżulta mir-relazzjoni ta' xogħol li torbot lil dan il-persunal ma' din l-aħħar impriża.

19 Fir-rigward tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, l-imsemmija qorti ssostni, b'mod partikolari bi tweġiba għat-talba għal informazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja bagħtitilha fis-7 ta' Ottubru 2019, li l-ħaddiema għal żmien determinat li jiksbu l-istatus ta' ħaddiema għal żmien indeterminat permezz tal-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat għal kompiti okkażjonali suċċessivi ta' tul ta' iktar minn tliet snin jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-ħaddiema għal żmien determinat li, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, ikkonkludew sensiela ta' kuntratti msejħa "fijos de obra" suċċessivi.

20 Il-qorti tar-rinviju tallega wkoll li l-ftehim kollettiv inkwistjoni, li jeskludi l-applikazzjoni tal-Istatut tal-Ħaddiema, huwa applikabbli għall-kawża prinċipali u tippreċiża li ma teżisti ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika li ma jiġix osservat l-Artikolu 15(1) u (5) ta' dan l-istatut.

21 F'dan il-kuntest, din il-qorti għandha dubji dwar il-konformità tal-Artikolu 24(2) u (5) kif ukoll tal-Artikolu 27 ta' dan il-ftehim kollettiv mal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid (il-Qorti Industijali Nru 14 ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

" 1) Il-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas […] u d-Direttiva [2001/23] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ftehim kollettiv [inkwistjoni], [li] fl-Artikolu 24(2) tiegħu jistabbilixxi li irrispettivament mit-tul tal-kuntratt ġenerali għal xogħol wieħed, ma huwiex applikabbli dak li ġie stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 15(1)(a) tal-[Istatut tal-Ħaddiema], billi l-ħaddiema jinżammu fil-kundizzjoni ta' kuntratt għal żmien determinat għat-twettiq ta' proġett partikolari ('fijos de obra'), kemm f'dawn il-każijiet kif ukoll fil-każijiet ta' suċċessjoni ta' impriża tal-Artikolu 44 [ta' dan l-istatut] jew fil-każijiet ta' surroġa rregolata fl-Artikolu 27 ta' dan il-ftehim kollettiv, billi ma teżistix raġuni effettiva li tiġġustifika li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi miksura, fejn l-Artikolu 15(1)(a) tal-Istatut tal-Ħaddiema jistabblixxi li '[d]awn il-kuntratti ma jistgħux ikollhom tul iktar minn 3 snin li jista' jiġi estiż sa tnax-il xahar permezz ta' ftehim kollettiv settorjali nazzjonali jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz ta' ftehim kollettiv settorjali ta' portata inferjuri. Mal-iskadenza ta' dawn it-termini, il-ħaddiema jiksbu l-istatus ta' ħaddiema permanenti tal-impriża'?

2) Il-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas […] u d-Direttiva 2001/23 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ftehim kollettiv [imsemmi], [li] fl-Artikolu 24(5) tiegħu jistabbilixxi li għal pożizzjonijiet tax-xogħol differenti permezz ta' żewġ kuntratti jew iktar għal żmien determinat għat-twettiq ta' proġett partikolari ('fijos de obra') mal-istess impriża jew grupp ta' impriżi fil-perijodu u matul it-terminu stabbilit fl-Artikolu 15(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema, il-kisba tal-kundizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni ma hijiex implikata, kemm f'dawn il-każijiet kif ukoll f'dawk ta' suċċessjoni ta' impriża skont l-Artikolu 44[ta' dan l-istatut] jew tas-surroga rrikonoxxuta fl-Artikolu 27 [tal-ftehim kollettiv], billi ma teżistix raġuni effettiva li tiġġustifika li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi miksura, [fejn l-Artikolu 15(5) tal-imsemmi statut jistabbilixxi li '[b]la ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1(a), 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-ħaddiema li matul perijodu ta' 30 xahar kienu ġew ingaġġati matul terminu iktar minn 24 xahar, bi jew mingħajr interruzzjoni, għall-istess pożizzjoni tax-xogħol jew differenti mal-istess impriża jew grupp ta' impriżi, permezz ta' żewġ kuntratti temporanji jew iktar, kemm direttament jew permezz ta' tqegħid għad-dispożizzjoni mill-impriżi ta' xogħol temporanju, bl-istess modalitajiet kuntrattwali jew differenti għal tul stabbilit, jiksbu l-istatus ta' ħaddiema permanenti. Dak li huwa stabbilit fil-paragrafu preċedenti ser jiġi applikat ukoll meta jirriżultaw każijiet ta' suċċessjoni jew ta' surroga tal-impriża konformement mal-liġi jew mal-ftehim kollettiv']?

3) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li skont il-ftehim kollettiv [inkwistjoni], huwa esklużi li d-drittijiet u l-obbligi li l-impriża jew l-entità ġdida li tkun ser twettaq l-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt [pubbliku], ikunu limitati esklużivament għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż mill-ħaddiem mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt [pubbliku], u dan ma jikkostitwixxix raġuni oġġettiva li tiġġustifika li dan il-ftehim kollettiv jikser il-leġiżlazzjoni Spanjola, li l-Artikolu 44 tal-Istatut tal-Ħaddiema tagħha jistabbilixxi s-surroga tad-drittijiet u tal-obbligi kollha mingħajr ma jillimita ruħu għall-aħħar kuntratt?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

23 Il-Gvern Spanjol jesprimi dubji dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari, minħabba li, permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex, fir-realtà, li tikseb interpretazzjoni tar-relazzjoni eżistenti bejn id-diversi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ma huwiex il-kompitu tagħha, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, li tinterpreta dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji nazzjonali (sentenza tat-30 ta' Settembru 2020, CPAS de Liège, C-233/19, EU:C:2020:757, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Madankollu, f'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinftiehem fis-sens li l-qorti tar-rinviju ma tistaqsix lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-relazzjoni eżistenti bejn il-ftehim kollettiv inkwistjoni u l-Istatut tal-Ħaddiema, iżda tqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjonijiet nazzjonali bħall-Artikolu 24(2) u (5), kif ukoll l-Artikolu 27(2) ta' dan il-ftehim kollettiv.

26 Barra minn hekk, sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti risposta għad-domandi preliminari, għandu jiġi vverifikat li l-kawża prinċipali għandha rabta ta' konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-7 ta' Mejju 2020, Parking u Interplastics, C-267/19 u C-323/19, EU:C:2020:351, punt 27).

27 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, tal-inqas, id-Direttiva 2001/23 ma hijiex manifestament inapplikabbli għall-kawża prinċipali, b'tali mod li tikkostitwixxi l-element ta' rabta mad-dritt tal-Unjoni li jiġġustifika l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2020, Parking u Interplastics, C-267/19 u C-323/19, EU:C:2020:351, punt 28).

28 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari.

Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

29 Il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni Ewropea jqisu li d-domandi magħmula huma inammissibbli minħabba n-natura ipotetika tagħhom, l-assenza ta' elementi fattwali li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għalihom u minħabba n-natura inkompleta tad-deskrizzjoni tal-kuntest ġuridiku nazzjonali.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi relatati mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li l-eżattezza tiegħu ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda magħmula minn qorti nazzjonali biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tal-liġi tal-Unjoni ma jkollha

ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, I.G.I., C-394/18, EU:C:2020:56, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega s-sitwazzjonijiet fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi. Id-deċiżjoni tar-rinviju għandha barra minn hekk tindika r-raġunijiet preċiżi li wasslu lill-qorti nazzjonali sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tqis neċessarju li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, I.G.I., C-394/18, EU:C:2020:56, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tesponi, b'mod suffiċjenti, fit-talba tagħha kif ukoll fir-risposta tagħha għat-talba għal informazzjoni li għamlitilha l-Qorti tal-Ġustizzja, mhux biss ir-raġunijiet li wassluha biex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-mod kif għandha tiġi interpretata l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, iżda wkoll il-motivi li jagħmlu din l-interpretazzjoni neċessarja sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali.

33 Fil-fatt, din il-qorti tqis li dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jipprekludu rispettivament dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 24(2) u (5), kif ukoll l-Artikolu 27(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni, li jidher li huma rilevanti sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali, peress li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda total ta' sitt kuntratti suċċessivi msejħa "fijos de obra", li l-aħħar wieħed minnhom ilu fis-seħħ għal iktar minn seba' snin. B'hekk, minn naħa, kemm l-Artikolu 24(2) ta' dan il-ftehim kollettiv, li jipprovdi li l-kuntratt imsejjaħ "*fijo de obra*" għandu tul indeterminat, kif ukoll il-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, li jipprevedi l-konklużjoni ta' kuntratti ta' dan it-tip suċċessivi, huma applikabbli f'dan il-każ, skont l-imsemmija qorti. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li seħħ trasferiment ta' persunal fil-kuntest ta' kuntratti pubbliċi ta' manutenzjoni ta' networks tal-ilma, fis-sens tal-Artikolu 27 tal-imsemmi ftehim kollettiv.

34 Għaldaqstant, l-interpretazzjoni mitluba ma hijiex manifestament nieqsa minn kull relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali u l-problemi mqajma ma humiex ta' natura ipotetika, iżda huma relatati mal-fatti li huma s-suġġett ta' diskussjoni bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddefinixxi.

35 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, huwa stabbilit li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda kuntratti suċċessivi ma' Obras y Servicios Públicos u mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dawn huma kuntratti msejħa "fijos de obra". Barra minn hekk, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm mas-sitwazzjoni li l-imsemmija qorti tqis bħala stabbilita (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2016, Hünnebeck, C-479/14, EU:C:2016:412, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, id-domandi preliminari huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

37 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Minn din il-perspettiva, hija, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirriformula d-domandi magħmula lilha. Il-fatt li qorti nazzjonali fformulat, formalment, domanda preliminari billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil dik il-qorti bil-punti kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li hija adita biha, indipendentement minn jekk għamlitx riferiment għalihom jew le meta għamlet id-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima (sentenza tat-23 ta' April 2020, Land Niedersachsen (Perijodi preċedenti ta' attività rilevanti), C-710/18, EU:C:2020:299, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas u d-Direttiva 2001/23 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, b'deroga mis-sistema ġenerali prevista mid-dritt nazzjonali, li jiġu konklużi kuntratti għal żmien determinat, imsejħa "fijos de obra", suċċessivi, indipendentement mit-tul tagħhom.

39 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li, fl-ewwel u fit-tieni domanda tagħha, din il-qorti tirreferi għal din id-direttiva, il-motivi li hija tesponi f'dan ir-rigward jikkonċernaw, fir-realtà, it-tielet domanda sa fejn dawn jirrigwardaw l-Artikolu 27(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni, b'tali mod li l-punti mqajma mill-imsemmija qorti, li huma relatati mal-imsemmija direttiva, ser jiġu eżaminati fil-kuntest ta' din l-aħħar domanda.

40 Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li tqis il-qorti tar-rinviju, il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas ma tistax tkun applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

41 Fil-fatt, din il-qorti tinvoka, mingħajr madankollu ma tagħmel analiżi fil-fond tal-kundizzjonijiet li jippermettu li l-grupp ta' referenza jiġi kklassifikat bħala rilevanti sabiex isir il-paragun li hija twettaq, diskriminazzjoni li huma suġġetti għaliha l-ħaddiema għal żmien determinat, bi ksur ta' din il-klawżola, li, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, ikkonkludew sensiela ta' kuntratti msejħa "fijos de obra" suċċessivi, meta mqabbla mal-ħaddiema għal żmien determinat li kkonkludew kuntratti għal xogħol okkażjonali u li jiksbu l-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat minħabba l-konklużjoni ta' suċċessjoni ta' tali kuntratti, meta l-perijodu akkumulat tagħhom ikun superjuri għal tliet snin. Dawn iż-żewġ tipi ta' ħaddiema għal żmien determinat jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, fis-sens tal-imsemmija klawżola.

42 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li peress li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implimentat u kkonkretizzat mill-Ftehim qafas biss fir-rigward tad-differenzi fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, l-eventwali differenzi fit-trattament bejn ċerti

kategoriji ta' persunal għal żmien determinat ma jaqgħux taħt il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit minn dan il-Ftehim qafas (sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Min-naħa l-oħra, kif issostni l-Kummissjoni, il-problema inerenti fil-kawża prinċipali tinsab fl-eventwali użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat imsejħa "fijos de obra". F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-provi mogħtija mill-qorti tar-rinviju, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata elementi ta' interpretazzjoni utli hemm lok li l-ewwel u t-tieni domanda magħmula jiġu rriformulati.

44 Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 14 ta' Madrid) tistaqsi, fir-realtà, permezz ta' dawn id-domandi, dwar jekk il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, imsejħa "fijos de obra", jistgħu jiġu konklużi suċċessivament, b'tali mod li l-ħaddiema li kkonkludew tali kuntratti jżommu l-istatus tagħhom ta' ħaddiema għal żmien determinat għal żmien indefinit jew, min-naħa l-oħra, jekk it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jista' jitqies li huwa ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-punt 1(a) ta' din il-klawżola, għas-sempliċi raġuni li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi li l-kuntratti msemmija jiġu konklużi, ġeneralment, għal sit ta' kostruzzjoni uniku, indipendentement mit-tul tiegħu.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet imfittxija minnha, jiġifieri li jkun limitat l-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, timponi fuq l-Istati Membri, fil-punt 1 tagħha, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri elenkati, meta d-dritt intern tagħhom ma jkollux miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola, li huma tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti jew ta' tali relazzjonijiet ta' xogħol, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi, u n-numru massimu ta' tiġdid tagħhom (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et*. (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jużaw waħda jew iktar mill-miżuri stabbiliti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jew miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema. B'hekk, il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas tagħti lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li tħallilhom l-għażla tal-mezzi sabiex jilħqu dan l-għan, bil-kundizzjoni li ma jpoġġux indiskussjoni l-għan jew l-effettività ta' dan il-ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punti 55 u 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma tistabbilixxix sanzjonijiet speċifiċi fil-każ fejn ikunu ġew ikkonstatati abbużi. F'tali każ, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jadottaw miżuri li għandhom ikunu ta' natura mhux biss proporzjonali, iżda wkoll effettivi u dissważivi biżżejjed sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont dan il-ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 57 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Barra minn hekk, il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma tistabbilixxix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-konverżjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat. L-ordinament ġuridiku intern tal-Istat Membru kkonċernat għandu madankollu jinkludi miżura effettiva oħra sabiex jiġi evitat u, skont il-każ, jiġi ssanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Meta jkun sar użu abbużiv minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, għandha tkun tista' tiġi applikata miżura li tagħti garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tissanzjona b'mod xieraq dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont l-istess termini tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, l-Istati Membri għandhom "jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti [minn din] id-Direttiva" (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li din il-missjoni taqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-klawżola 5 tal-Ftehim qafas humiex issodisfatti mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern jikkostitwixxu miżura adegwata għall-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, għas-sanzjonar tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni preliminari, tista', madankollu, tipprovdi preċiżazzjonijiet li jistgħu jiggwidaw lil din il-qorti fl-evalwazzjoni tagħha (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 Huwa f'dan il-kuntest li għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-Artikolu 24(2) u (5) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni, li jippermetti, skont il-qorti tar-rinviju, li jiġu konklużi kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat imsejħa "fijos de obra" suċċessivi fis-settur tal-kostruzzjoni, tistax tikkostitwixxi waħda mill-miżuri msemmija fil-klawżola 5(1)(a) sa (ċ) tal-Ftehim qafas.

54 Fl-ewwel lok, jidher li l-Artikolu 24 ta' dan il-ftehim kollettiv ma jipprevedix, fil-paragrafi 2 u 5 tiegħu, fir-rigward tal-kuntratti msejħa "fijos de obra", "żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss", fis-sens tal-punt 1(b) ta' din il-klawżola. Għall-kuntrarju, mill-Artikolu 24(2) tal-imsemmi ftehim kollettiv jirriżulta espliċitament li l-kuntratti msejħa "fijos de obra" huma konklużi indipendentement mit-tul tagħhom.

55 Madankollu, għalkemm il-kuntest leġiżlattiv u fattwali huwa ddefinit taħt ir-responsabbiltà tal-qorti tar-rinviju u għalkemm ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 30 u 35 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Spanjol jirriżulta li l-Artikolu 24(3) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni jista' jikkostitwixxi miżura intiża sabiex tipprevjeni l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas, u b'mod partikolari sabiex jiġi ffissat "żmien massimu totali ta' kuntratti suċċessivi għal terminu fiss", fis-sens tal-punt 1(b) ta' din il-klawżola, sa fejn jillimita għal tliet snin konsekuttivi l-provvista ta' servizzi lill-istess impriża f'ċentri ta' xogħol differenti fi ħdan l-istess provinċja, mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet partikolari.

56 Konsegwentement, hija din il-qorti li għandha tivverifika, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 51 ta' din is-sentenza, jekk din il-miżura tikkostitwixxix, f'dan il-każ, miżura adegwata għall-prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-imsemmija klawżola.

57 Fit-tieni lok, għal dan it-tip ta' kuntratti, ma hemmx, mingħajr preġudizzju wkoll għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti msemmija, miżura nazzjonali li tiffissa "numru massimu ta' tiġdid", fis-sens tal-klawżola 5(1)(ċ) tal-Ftehim qafas.

58 Fit-tielet lok, għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedix miżura li taqa' taħt ir-"raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid" ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas.

59 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas għandu jinftiehem bħala li intiż għal ċirkustanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw attività partikolari u, għaldaqstant, ta' natura li jiġġustifikaw f'dan il-kuntest partikolari l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li fir-rigward tagħhom ġew konklużi tali kuntratti u mill-karatteristiċi intrinsiċi tagħhom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 Min-naħa l-oħra, dispożizzjoni nazzjonali li tillimita ruħha li tawtorizza, b'mod ġenerali u astratt, permezz ta' regola leġiżlattiva jew regolament, l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi ma hijiex konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt preċedenti tas-sentenza preżenti (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fil-fatt, tali dispożizzjoni purament formali ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament ħtieġa reali, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop. B'hekk din id-dispożizzjoni tinvolvi riskju reali li jsir użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti u b'hekk ma hijiex kompatibbli mal-għan u mal-effettività tal-Ftehim qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Barra minn hekk, kif iddeċidiet kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja, it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li huma, fil-fatt, ta' natura mhux provviżorja iżda permanenti u għal żmien estiż ma huwiex iġġustifikat, fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas sa fejn tali użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat imur direttament kontra l-premessa li fuqha huwa bbażat dan il-ftehim qafas, jiġifieri li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien indeterminat jikkostitwixxu l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' xogħol, anki jekk il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat huma karatteristika tal-impjieg f'ċerti setturi jew għal ċerti xogħlijiet u attivitajiet (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

63 L-osservanza tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas teżiġi għalhekk li jiġi vverifikat konkretament li t-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat ikun intiż li jkopri bżonnijiet provviżorji u li dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tintużax, fil-fatt, sabiex jiġu ssodisfatti bżonnijiet permanenti u għal żmien estiż tal-persuna li timpjega fil-qasam tal-persunal (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Għal dan il-għan għandhom jiġu eżaminati, f'kull każ, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-numru tal-imsemmija kuntratti suċċessivi konklużi mal-istess persuna jew għall-finijiet tat-twettiq tal-istess xogħol, sabiex jiġi evitat li kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, anki jekk konklużi apparentement sabiex ikopru bżonn ta' supplenti, jintużaw b'mod abbużiv mill-persuni li jimpjegaw (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 102 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

65 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, mill-Artikolu 24(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni jirriżulta li l-kuntratti msejħa "fijos de obra" huma ġeneralment konklużi għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, indipendentement mit-tul tiegħu. Skont il-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, "[i]r-reklutaġġ għal diversi pożizzjonijiet ta' impjieg, bi jew mingħajr interruzzjoni, permezz ta' mill-inqas żewġ kuntratti 'fijos de obra' konklużi mal-istess impriża […] ma jimplikax il-kisba tal-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat […]".

66 B'hekk, l-Artikolu 24 ta' dan il-ftehim kollettiv jippermetti l-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat imsejħa "fijos de obra" suċċessivi, filwaqt li jillimita, bħala prinċipju, l-assenjazzjoni tal-ħaddiem ikkonċernat, għal kull kuntratt konkluż, għal sit ta' kostruzzjoni wieħed. Din il-limitazzjoni tal-kuntratti għal sit ta' kostruzzjoni wieħed hija, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, l-unika miżura prevista għal dan it-tip ta' kuntratti li tista' tikkostitwixxi "raġuni oġġettiva", fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ifformulati minn Obras y Servicios Públicos, minn Acciona Agua u mill-Gvern Spanjol, li jipprovdu li t-tielet dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi 32/2006 u t-tielet dispożizzjoni addizzjonali tal-Istatut tal-Ħaddiema jirrikonoxxu l-karatteristiċi partikolari tas-settur tal-kostruzzjoni u n-neċessità li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi iktar adegwati, billi jsir riferiment għan-negozjar kollettiv, li l-għan tagħhom huwa li l-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jiġi adattat għal xogħol jew għal servizz iddefinit b'mod ċar permezz ta' formoli li jiggarantixxu iktar stabbiltà fl-impjieg tal-ħaddiema kif ukoll sigurtà aħjar u saħħa aħjar fix-xogħol. Huwa bl-użu ta' din il-kompetenza li l-ftehim kollettiv inkwistjoni stabbilixxa l-kuntratt imsejjaħ "fijo de obra", li jistabbilixxi, f'każ ta' riskju ta' użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' dan it-tip, kriterji intiżi sabiex jipprekludu abbużi.

68 Issa, anki jekk il-fatt li ħaddiem ikun assenjat għal "sit ta' kostruzzjoni wieħed", fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-kostruzzjoni, ikun jista' jikkostitwixxi "ċirkustanza preċiża u konkreta li tikkaratterizza attività partikolari", fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 59 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, mingħajr preġudizzju għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, li ma jistax jitqies li l-Artikolu 24 tal-ftehim kollettiv inkwistjoni huwa ta' natura li jiġġustifika l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 60 u 61 ta' din is-sentenza, sa fejn dan l-artikolu jinvolvi riskju reali li jwassal għal użu abbużiv ta' dan it-tip ta' kuntratti.

69 Fil-fatt, skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu, il-konklużjoni ta' kuntratt imsejjaħ "fijo de obra" hija limitata biss, "ġeneralment", għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, b'tali mod li din id-dispożizzjoni ma teskludix il-possibbiltà li tali kuntratt jiġi konkluż għal diversi siti ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, il-paragrafu 5 tal-istess artikolu jippermetti li jiġu konklużi diversi kuntratti ta' dan it-tip mal-istess impriża għal diversi pożizzjonijiet ta' impjieg. B'hekk, jidher li, għalkemm il-limitazzjoni tal-kuntratt għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, prevista fl-imsemmi paragrafu 2, tapplika għal kull kuntratt imsejjaħ "fijo de obra" meħud separatament, diversi kuntratti ta' dan it-tip jistgħu jiġu konklużi suċċessivament, skont dan il-paragrafu 5, għal diversi siti ta' kostruzzjoni.

70 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li leġiżlazzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 24(2) u (5) ta' dan il-ftehim kollettiv, li tipprovdi li kull reklutaġġ individwali għandu jillimita, bħala prinċipju, l-assenjazzjoni tal-ħaddiem ikkonċernat għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, iżda li jippermetti li jiġġeddu kuntratti msejħa "fijos de ob*ra*" għal żmien indeterminat, li jirriżulta mill-effett akkumulat ta' dawn il-kuntratti suċċessivi, jew tal-addizzjoni tagħhom, juri li dan il-ħaddiem fir-realtà jwettaq b'mod permanenti u fit-tul inkarigi li jifformaw parti mill-attività normali tal-entità jew tal-impriża li timpjegah.

71 Is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali turi perfettament din il-konstatazzjoni, peress li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda sitt kuntratti msejħa "fijos de obra" suċċessivi ma' Obras y Servicios Públicos, għal tul totali ta' iktar minn 25 sena.

72 Minn dan jirriżulta, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 62 sa 64 ta' din is-sentenza, li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti li jiġu koperti bżonnijiet li ma humiex provviżorji, iżda, għall-kuntrarju, permanenti u fit-tul ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas.

73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, bil-kundizzjoni li ma jeżistux "miżuri legali ekwivalenti intiżi sabiex jipprevjenu l-abbuż", fis-sens tal-klawżola 5(1) ta' dan il-ftehim qafas, li jirregolaw il-kuntratti msejħa "fijos de obra", fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, tali leġiżlazzjoni ma hijiex ta' natura li tipprevjeni, fis-sens ta' din il-klawżola 5(1), l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat. Fil-kuntest ta' dan l-eżami, hija b'mod partikolari din il-qorti li għandha tivverifika jekk, kif isostnu Obras y Servicios Públicos u Acciona Agua, jingħatax kumpens għal terminazzjoni lill-ħaddiema għal żmien determinat impjegati abbażi ta' kuntratt imsejjaħ "fijo de obra" u, jekk ikun il-każ, jekk tali kumpens huwiex adegwat sabiex jipprevjeni u, jekk ikun neċessarju, jissanzjona tali abbuż, u jistax jiġi kklassifikat bħala "miżura legali ekwivalenti", fis-sens tal-imsemmija klawżola 5(1).

74 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jikkostitwixxi "miżura legali ekwivalenti", fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, l-għoti ta' kumpens għandu jkun intiż speċifikament sabiex jikkumpensa l-effetti tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta'

xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Barra minn hekk, il-kumpens mogħti għandu mhux biss ikun proporzjonat, iżda wkoll suffiċjentement effettiv u dissważiv sabiex jiggarantixxi l-effettività sħiħa ta' din il-klawżola (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 103 u 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

75 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas ma hijiex mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali. B'hekk, tali dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma jkollhiex effett dirett, ma tistax tiġi invokata, bħala tali, fil-kuntest ta' tilwima li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni kunfliġġenti tad-dritt nazzjonali li tmur kontriha. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra din il-klawżola (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 118 sa 120 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

76 Dan premess, għandu jitfakkar li, billi japplikaw id-dritt intern, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, sabiex jikkonformaw ruħhom mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 TFUE (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 121 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

77 Ċertament, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari dawk taċ-ċertezza legali kif ukoll ta' nuqqas ta' retroattività, u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 123 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

78 Il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi madankollu li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 124 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

79 Għalhekk, hija, b'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) tippermettix tali interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, din l-aħħar qorti tapplika t-termini previsti fl-Artikolu 15(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema għall-kuntratti msejħa "fijos de obra" rregolati mill-ftehim kollettiv inkwistjoni, b'tali mod li, meta ħaddiem ikun ikkonkluda tal-inqas żewġ kuntratti ta' dan it-tip u t-terminu legali previst minn din id-dispożizzjoni jkun skada, huwa jikseb l-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat.

80 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, skont ir-regoli kollha tad-dritt nazzjonali applikabbli, jekk il-limitazzjoni għal tliet snin konsekuttivi, ħlief għal kundizzjonijiet partikolari, tal-impjieg ta' ħaddiema għal żmien determinat abbażi ta' kuntratti msejħa "fijos de obra" mill-istess impriża fuq postijiet tax-xogħol differenti li jinsabu fl-istess provinċja u l-għoti lil dawn il-ħaddiema ta' kumpens għat-terminazzjoni, jekk din il-qorti tikkonstata li dawn il-miżuri effettivament jittieħdu fir-rigward tal-ħaddiema msemmija, jikkostitwixxux miżuri xierqa sabiex jiġi evitat u, jekk ikun

il-każ, sabiex jiġi ssanzjonat l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat jew "miżuri legali ekwivalenti", fis-sens ta' din il-klawżola 5(1). Fi kwalunkwe każ, tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tiġi applikata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'tali mod li t-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat imsejħa "fijos de obra" suċċessivi jitqies li huwa ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) ta' dan il-ftehim qafas, għas-sempliċi raġuni li kull wieħed minn dawn il-kuntratti huwa konkluż b'mod ġenerali għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, indipendentement mit-tul tiegħu, meta tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprekludix, fil-prattika, li l-persuna li timpjega kkonċernata tissodisfa, permezz ta' tali tiġdid, bżonnijiet permanenti u fit-tul ta' persunal.

Fuq it-tielet domanda

81 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, waqt trasferiment ta' persunal fil-kuntest ta' kuntratti pubbliċi, id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiem ittrasferit li l-impriża l-ġdida hija marbuta li tosserva huma limitati esklużivament għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li dan il-ħaddiem ikkonkluda mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt.

82 Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 1(1)(a) tagħha, id-Direttiva 2001/23 tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna li timpjega oħra bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

83 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 huwa estiż għall-ipoteżijiet kollha ta' bidla, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali, tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-operat tal-impriża, li tikkontratta l-obbligi tal-persuna li timpjega fil-konfront tal-impjegati tal-impriża. B'hekk, sabiex tapplika d-Direttiva 2001/23, ma huwiex meħtieġ li jkun hemm relazzjonijiet kuntrattwali diretti bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju, peress li t-trasferiment jista' jsir permezz ta' parti terza (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostnu, essenzjalment, Acciona Agua u l-Gvern Spanjol, il-fatt li, f'dan il-każ, dan huwa trasferiment ta' persunal wara l-għoti mill-ġdid ta' kuntratt pubbliku, li fil-kuntest tiegħu l-impriża l-ġdida assumiet parti essenzjali tal-persunal li l-impriża li ħarġet mill-kuntratt kienet assenjat għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt pubbliku, ma jeskludix li d-Direttiva 2001/23 tkun applikabbli.

85 Għalhekk, qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li t-trasferiment jirriżulta minn deċiżjonijiet unilaterali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u mhux minn qbil ta' ridiet ma jeskludix l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 (sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Piscarreta Ricardo, C-416/16, EU:C:2017:574, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Sussegwentement, l-assenza ta' rabta kuntrattwali bejn iż-żewġ impriżi li ngħatalhom suċċessivament il-kuntratt pubbliku kkonċernat hija mingħajr effett fuq il-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2001/23 hijiex applikabbli jew le għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punt 28).

87 Finalment, minkejja li t-teħid tal-persunal ġie impost fuq Acciona Agua permezz ta' ftehim kollettiv, tali ċirkustanza ma għandhiex effett fuq il-fatt li t-trasferiment jirrigwarda entità ekonomika (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punt 38).

88 Fit-tieni lok, abbażi tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2001/23, jitqies bħala trasferiment it-trasferiment ta' entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi, bil-għan li titwettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija essenzjali jew anċillari. Il-kunċett ta' "entità" għalhekk jirreferi għal grupp organizzat ta' persuni u ta' oġġetti li jippermettu l-eżerċizzju ta' attività ekonomika b'għan speċifiku (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punt 22).

89 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kriterju deċiżiv sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali trasferiment jinsab fil-fatt li l-entità ekonomika żżomm l-identità tagħha, li jirriżulta b'mod partikolari mit-tkomplija effettiva tal-operat jew mit-trasferiment tagħha (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punt 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

90 Sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-kundizzjoni hijiex issodisfatta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' fatt kollha li jikkaratterizzaw it-tranżazzjoni kkonċernata, fosthom b'mod partikolari t-tip ta' impriża jew ta' negozju involut, it-trasferiment jew le ta' assi tanġibbli, bħall-bini u l-beni mobbli, il-valur tal-assi mhux tanġibbli fil-mument tat-trasferiment, il-fatt jekk il-maġġoranza tal-persunal tiġix impjegata mill-ġdid jew le mit-tmexxija l-ġdida tal-impriża, it-trasferiment jew le tal-klijentela, kif ukoll il-grad ta' xebh bejn l-attivitajiet eżerċitati qabel u wara t-trasferiment, u t-tul ta' sospensjoni eventwali ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, dawn l-elementi jikkostitwixxu biss aspetti parzjali tal-evalwazzjoni totali ġenerali li għandha ssir u ma jistgħux, minħabba f'hekk, jiġu evalwati b'mod iżolat (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punt 24 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

91 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali, fl-evalwazzjoni tagħha taċ-ċirkustanzi fattwali li jikkaratterizzaw it-tranżazzjoni inkwistjoni, għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, it-tip ta' impriża jew ta' negozju kkonċernat. Minn dan jirriżulta li l-grad ta' importanza rispettiva li għandha tingħata lill-kriterji differenti tal-eżistenza ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23 jinbidel neċessarjament skont l-attività eżerċitata, jew il-metodi ta' produzzjoni jew ta' operazzjoni użati fl-impriża, fl-istabbiliment jew fil-parti mill-istabbiliment inkwistjoni (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

92 Il-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement irrilevat li entità ekonomika tista', f'ċerti setturi, tiffunzjona mingħajr ebda assi, tanġibbli jew mhux tanġibbli, sinjifikattivi, b'mod li ż-żamma tal-identità ta' tali entità wara t-tranżazzjoni li taffettwaha ma tistax, loġikament, tiddependi fuq it-trasferiment ta' tali assi (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

93 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn, f'ċerti setturi li fihom l-attività hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħaddiema, li huwa b'mod partikolari l-każ meta attività ma teħtieġx l-użu ta' elementi materjali speċifiċi, grupp ta' ħaddiema li jwettaq attività komuni fit-tul jista' jikkostitwixxi entità ekonomika, tali entità tista' żżomm l-identità tagħha wara t-trasferiment tagħha meta l-proprjetarju l-ġdid tal-impriża ma jillimitax ruħu li jkompli l-attività inkwistjoni

iżda jieħu wkoll il-maġġoranza, f'termini ta' numru u ta' kompetenzi, tal-persunal li l-predeċessur tiegħu kien jiddedika speċifikament għal din il-funzjoni. F'dan il-każ, il-proprjetarju l-ġdid jakkwista, effettivament, l-elementi organizzati kollha li jippermettulu t-tkomplija tal-attivitajiet jew ta' ċerti attivitajiet tal-impriża li tittrasferixxi b'mod stabbli (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Somoza Hermo u Ilunión Seguridad, C-60/17, EU:C:2018:559, punti 34 u 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

94 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' trasferiment tippreżupponi ċertu numru ta' konstatazzjonijiet ta' natura fattwali, peress li din il-kwistjoni għandha tiġi evalwata *in concreto* mill-qorti nazzjonali fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2001/23, kif stabbiliti, b'mod partikolari, fil-premessa 3 tagħha (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

95 Konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jikkaratterizzaw it-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk din tal-aħħar għandhiex titqies bħala li tikkostitwixxi trasferiment ta' impriża, fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

96 Għal dan il-għan, hija għandha, b'mod partikolari, tivverifika jekk, kif hija ssemmi fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali teħtieġx materjal speċifiku u, għaldaqstant, jekk hijiex ibbażata essenzjalment fuq il-ħaddiema, jew jekk, għall-kuntrarju, kif isostnu Obras y Servicios Públicos u Acciona Agua, din l-attività ma tistax tiġi kklassifikata bħala attività li hija bbażata essenzjalment fuq il-ħaddiema, peress li dawn tal-aħħar jikkostitwixxu kjarament element aċċessorju meta mqabbla mal-elementi materjali meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku kkonċernat u li dawn ma ġewx ittrasferiti.

97 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi ppreċiżat, l-ewwel nett, li, minbarra l-każ fejn l-attività tkun ibbażata prinċipalment fuq il-ħaddiema, previst mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 93 ta' din is-sentenza, f'sitwazzjoni fejn l-elementi korporali, bħall-bini u l-proprjetà mobbli, ma jkunux indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tal-entità kkonċernata, jew fejn il-ħaddiema u dawn l-elementi korporali jkollhom importanza ugwali għall-funzjonament tajjeb ta' din l-entità u fejn l-attività tal-impriża li toħroġ mill-kuntratt titkompla mill-impriża l-ġdida u l-maġġoranza tal-ħaddiema tinżamm minn din tal-aħħar, in-nuqqas ta' trasferiment ta' assi tanġibbli ma jipprekludix li jiġi deċiż li l-identità tal-entità ekonomika tista' tinżamm lil hinn mit-trasferiment tagħha, b'tali mod li jkollu jitqies li seħħ "trasferiment ta' impriża", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23.

98 Fil-fatt, din is-soluzzjoni mhux biss tidħol fil-loġika tal-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva, kif stabbiliti, b'mod partikolari, fil-premessa 3 tagħha, li jikkonsistu fil-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' bidla fit-tmexxija tal-impriża, sabiex tiġi żgurata ż-żamma tad-drittijiet tagħhom, iżda taqbel ukoll mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 92 ta' din is-sentenza li tgħid li ż-żamma tal-identità ta' entità ekonomika, li tista' topera mingħajr assi, tanġibbli jew intanġibbli, sinjifikanti, lil hinn mit-tranżazzjoni li din tkun is-suġġett tagħha, ma tistax tiddependi mit-trasferiment ta' tali elementi.

99 It-tieni nett, għandha titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-assenza ta' trasferiment f'livell sinjifikattiv ta' tali elementi mingħand l-ex proprjetarju lill-proprjetarju l-ġdid, li huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-entità, għandha twassal biex jitqies li din tal-aħħar ma żżommx l-identità tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2001, Liikenne, C-172/99, EU:C:2001:59, punt 42).

100 Madankollu, minn din il-ġurisprudenza ma jistax jiġi dedott li t-trasferiment tal-elementi tanġibbli għandu jitqies *in abstracto* bħala l-uniku fattur determinanti ta' trasferiment ta' impriża li l-attività tagħha tikkonċerna settur li fih l-element jew l-elementi korporali jikkontribwixxu b'mod importanti għall-eżerċizzju ta' din l-attività. Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-assenza ta' trasferiment tar-riżorsi operattivi tostakolax il-klassifikazzjoni ta' trasferiment ta' impriża, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li hija adita biha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Grafe u Pohle, C-298/18, EU:C:2020:121, punti 30 u 31).

101 Fit-tielet lok, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 jistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li d-drittijiet u l-obbligi ta' min jittrasferixxi li fid-data tat-trasferiment jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol jew minn relazzjoni ta' xogħol eżistenti għandhom jiġu ttrasferiti lil min jirċievi.

102 F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jitfakkar li d-Direttiva 2001/23 hija intiża li tiżgura s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' bidla tal-proprjetarju tal-impriża billi tippermettilhom jibqgħu fis-servizz tal-persuna li timpjega l-ġdida bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftiehma ma' min jittrasferixxi. L-għan ta' din id-direttiva huwa li tiġi ggarantita, sa fejn ikun possibbli, il-kontinwazzjoni tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol, mingħajr tibdil, ma' min jirċievi l-impriża, sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema kkonċernati jitqiegħdu f'pożizzjoni inqas favorevoli sempliċement minħabba dan it-trasferiment. Madankollu, l-imsemmija direttiva ma tistax tiġi invokata utilment sabiex jinkiseb titjib fil-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni jew ta' kundizzjonijiet tax-xogħol oħra fl-okkażjoni ta' trasferiment ta' impriża (sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, ISS Facility Services, C-344/18, EU:C:2020:239, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

103 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm, konformement mal-għan tad-Direttiva 2001/23, għandhom jiġu protetti l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati mit-trasferiment, madankollu ma jistgħux jiġu injorati dawk ta' min jirċievi l-impriża, li għandu jkun fil-pożizzjoni li jagħmel l-aġġustamenti u t-tibdiliet meħtieġa għat-tkomplija tal-attività tiegħu. Din id-direttiva ma hijiex intiża biss biex tissalvagwardja, fl-okkażjoni ta' trasferiment ta' impriża, l-interessi tal-impjegati, iżda hija intiża biex tiżgura bilanċ ġust bejn l-interessi ta' dawn tal-aħħar, minn naħa, u dawk ta' min jirċievi l-impriża, min-naħa l-oħra (sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, ISS Facility Services, C-344/18, EU:C:2020:239, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 F'dan il-każ, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni jirriżulta li l-impriża l-ġdida hija marbuta li tirrispetta d-drittijiet u l-obbligi rrikonoxxuti lill-ħaddiema ttrasferiti fil-kuntest tar-relazzjoni ta' impjieg mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt. Barra minn hekk, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2) ta' dan il-ftehim kollettiv, dawn id-drittijiet u obbligi huma esklużivament limitati għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż minn dan il-ħaddiem mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt, mingħajr ma l-impriża li tirċievi l-kuntratt ma tkun marbuta minn xi kuntratt jew ftehim preċedenti, b'mod partikolari għall-finijiet tal-kunsiderazzjoni tas-snin ta' servizz imwettqa, sakemm il-ħaddiem ma jkunx diġà ġie

rrikonoxxut tali drittijiet permezz ta' sentenza li tkun saret *res judicata* qabel it-trasferiment u sakemm dawn id-drittijiet ikunu ġew ikkomunikati lill-impriża li tirċievi l-kuntratt fiż-żmien u skont it-termini stabbiliti fl-Artikolu 27 tal-imsemmi ftehim kollettiv.

105 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji fir-rigward tal-kompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tal-istess ftehim kollettiv mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23.

106 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-limitazzjoni tar-rikonoxximent tad-drittijiet ta' ħaddiem fil-kuntest tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mal-impriża li tirċievi l-kuntratt għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż minnu mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt, twassal preċiżament għaż-żamma ta' dawn id-drittijiet waqt it-trasferiment tal-persunal, li tikkorrispondi mal-għan imfittex minn din id-direttiva, li jikkonsisti f'li tiġi żgurata s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' bidla fit-tmexxija tal-impriża, billi tippermettilhom jibqgħu fis-servizz tal-persuna li timpjega l-ġdida taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftiehma ma' min jittrasferixxi. Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tillimita mhux biss id-drittijiet, iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiem ittrasferit għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li huwa kkonkluda mal-impriża li toħroġ mill-kuntratt.

107 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-anzjanità fil-grad, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kalkolu tad-drittijiet ta' natura pekunjarja, bħal kumpens għal tmiem ta' kuntratt jew għal żidiet fis-salarju, min jirċievi l-kuntratt għandu jieħu inkunsiderazzjoni s-snin ta' servizz kollha mwettqa mill-persunal ittrasferit sa fejn dan l-obbligu jirriżulta mir-relazzjoni ta' xogħol li torbot lil dan il-persunal mal-persuna li tittrasferixxi u konformement mal-modalitajiet miftiehma fil-kuntest ta' din ir-relazzjoni (sentenza tas-6 ta' April 2017, Unionen, C-336/15, EU:C:2017:276, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Issa, f'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li l-anzjanità fil-grad, li hija rrikonoxxuta, skont l-Artikolu 27(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni, mill-impriża li tirċievi l-kuntratt favur il-ħaddiema li huma s-suġġett ta' trasferiment ta' persunal, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija inqas favorevoli għal dawn il-ħaddiema milli l-anzjanità fil-grad irrikonoxxuta lilhom qabel dan it-trasferiment mill-impriża li toħroġ mill-kuntratt.

109 Għall-kuntrarju, mill-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li Obras y Servicios Públicos irrikonoxxiet lir-rikorrent fil-kawża prinċipali anzjanità fil-grad ikkalkolata mill-1 ta' Jannar 2014, li tikkorrispondi għall-anzjanità li tirriżulta mill-aħħar kuntratt konkluż minnu ma' din il-kumpannija. Għaldaqstant, sa fejn it-tieni subparagrafu tal-imsemmija dispożizzjoni jillimita l-anzjanità fil-grad li Acciona Agua għandha tirrikonoxxi lir-rikorrent fil-kawża prinċipali għal dak li jirriżulta mill-aħħar kuntratt li dan tal-aħħar ikkonkluda ma' Obras y Servicios Públicos, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha l-effett li l-anzjanità li kienet irrikonoxxuta lilu minn din il-kumpannija nżammet fil-kuntest tat-trasferiment tiegħu.

110 Min-naħa l-oħra, ir-rikonoxximent lil dan il-ħaddiem, fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-persunal, ta' drittijiet, b'mod partikolari ta' anzjanità fil-grad, li ma kienx jibbenefika minnhom qabel dan it-trasferiment, jikkostitwixxi titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, li ma huwiex previst mid-Direttiva 2001/23, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 102 ta' din is-sentenza.

111 Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni jifforma parti minn din il-loġika sa fejn jipprevedi eċċezzjoni għal-limitazzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiem ittrasferit għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li huwa kkonkluda mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt, meta tali drittijiet diġà jkunu ġew irrikonoxxuti lill-ħaddiem permezz ta' sentenza li tkun saret *res judicata* qabel it-trasferiment u meta dawn id-drittijiet ikunu ġew ikkomunikati, fit-terminu u skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 27 ta' dan il-ftehim kollettiv, lill-impriża l-ġdida. Fil-fatt, din l-eċċezzjoni tippermetti li jiġi ggarantit lill-ħaddiem ittrasferit iż-żamma tad-drittijiet li kienu rrikonoxxuti lilu fil-kuntest tar-relazzjoni ta' impjieg mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt.

112 F'dan il-kuntest, għall-qorti tar-rinviju, tqum biss il-kwistjoni dwar liema huma d-drittijiet li kien jibbenefika minnhom ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, ma' Obras y Servicios Públicos, qabel it-trasferiment tiegħu, b'mod partikolari, jekk huwa kienx vittma ta' użu abbużiv tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas, li huwa s-suġġett tal-ewwel żewġ domandi, u jekk konsegwentement kellux jikseb l-istatus ta' ħaddiem għal żmien indeterminat qabel it-trasferiment tiegħu, f'liema każ b'hekk kien ikollu jibqa' jibbenefika minn dan l-istatus fil-kuntest ta' dan it-trasferiment.

113 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23 ma tippreġudikax il-protezzjoni li ħaddiem jista' jibbenefika minnha kontra l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi skont dispożizzjonijiet differenti tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim qafas, u lanqas l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dawn tal-aħħar minnha (digriet tal-15 ta' Settembru 2010, Briot, C-386/09, EU:C:2010:526, punt 36).

114 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda għandha tkun li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, li permezz tagħha, matul trasferiment ta' persunal fil-kuntest ta' kuntratti pubbliċi, id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiem ittrasferit li l-impriża l-ġdida hija marbuta li tosserva huma limitati esklużivament għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li dan il-ħaddiem ikkonkluda mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt, bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-imsemmi ħaddiem f'pożizzjoni li tkun inqas favorevoli sempliċement minħabba dan it-trasferiment, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

115 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, skont ir-regoli kollha tad-dritt nazzjonali

applikabbli, jekk il-limitazzjoni għal tliet snin konsekuttivi, ħlief għal kundizzjonijiet partikolari, tal-impjieg ta' ħaddiema għal żmien determinat abbażi ta' kuntratti msejħa "fijos de obra" mill-istess impriża fuq postijiet tax-xogħol differenti li jinsabu fl-istess provinċja u l-għoti lil dawn il-ħaddiema ta' kumpens għat-terminazzjoni, jekk din il-qorti nazzjonali tikkonstata li dawn il-miżuri effettivament jittieħdu fir-rigward tal-ħaddiema msemmija, jikkostitwixxux miżuri xierqa sabiex jiġi evitat u, jekk ikun il-każ, sabiex jiġi ssanzjonat l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat jew "miżuri legali ekwivalenti", fis-sens ta' din il-klawżola 5(1). Fi kwalunkwe każ, tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tiġi applikata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'tali mod li t-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat imsejħa "fijos de obra" suċċessivi jitqies li huwa ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) ta' dan il-ftehim qafas, għas-sempliċi raġuni li kull wieħed minn dawn il-kuntratti huwa konkluż b'mod ġenerali għal sit ta' kostruzzjoni wieħed, indipendentement mit-tul tiegħu, meta tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprekludix, fil-prattika, li l-persuna li timpjega kkonċernata tissodisfa, permezz ta' tali tiġdid, bżonnijiet permanenti u fit-tul ta' persunal.

2) **L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, li permezz tagħha, matul trasferiment ta' persunal fil-kuntest ta' kuntratti pubbliċi, id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiem ittrasferit li l-impriża l-ġdida hija marbuta li tosserva huma limitati esklużivament għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li dan il-ħaddiem ikkonkluda mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt, bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-imsemmi ħaddiem f'pożizzjoni li tkun inqas favorevoli sempliċement minħabba dan it-trasferiment, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.**

Firem